FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 14**

**Avviz. numru 828/01JR**

**Joseph Saydon**

**vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), rapprezentanti import ta' cheque bin-numru 621 datat 10 ta' Marzu, 2001, li ma giex onorat mill-Bank.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Lulju, 2001, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta**

**risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Saydon li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Settembru, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Lulju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il- Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**